7 ta' Ottubru 2011

Għeżież Ġenituri,

Reġa' wasal iż-żmien! Iż-żmien ta' meta l-Malta Community Chest Fund u t-tim ta' voluntiera jibdew jaħdmu u jippjanaw għall-Istrina!

Dan l-avveniment annwali sar mistenni mill-Maltin u l-Għawdxin sena wara sena, bl-idea ta' karitá u għajnuna tkun fuq moħħ kulħadd hekk kif inkunu qed inħejju għall-attivitajiet tal-Milied. Dan mhux b'wisq inqas mill- President ta' Malta, Dr George Abela u s-Sinjura Abela, li għandhom dan l-avveniment tant għal qalbhom.

Għat-tielet sena konsekuttiva, taħt it-tmexxija tal-President ta' Malta, il-Malta Community Chest Fund ser torganizza l-kampanja tal-Istrina BOV Piggy Banks.

Din il-kampanja sservi wkoll biex tqajjem kuxjenza fost tfal ta' kull età, dwar l-importanza u l-valur li tagħti lura lill-komunità. Dawn il-karusijiet ser jerġgħu jitqassmu f'kull skola madwar Malta u Għawdex.

Il-flus miġbura minn din il-kampanja jmorru fil-fond ta' L-Istrina, li l-għan uniku tagħha hu li tiġbor flus għal dawk fil-bżonn.

Li tqajjem kuxjenza u l-ġbir ta' fondi jmorru, tista' tghid, id f'id sabiex jipproduċu soċjetà li taf tkun responsabbli. Mingħajr il-ġenerożità u l-koperazzjoni tagħkom, dan żgur li ma jkunx jista' jseħħ, u hu għalhekk li qegħdin nistaqsukom għall-kunsens tagħkom biex it-tfal ikunu jistgħu jagħtu d-donazzjonijiet tagħhom. Kemm bil-parteċipazzjoni tat-tfal, kif ukoll tagħna lkoll, nistgħu nagħmlu passi kbar.

Ftakru, li s-suċċess ta' L-Istrina 2011 jiddependi fuq dan!

Filwaqt li nixtieq nieħu l-opportunità, sabiex f'isem il-Malta Community Chest Fund, il-Bank of Valletta, il-voluntiera, it-tim organizzattiv u l-aħħar u mhux l-inqas, il-President ta' Malta, infakkarkom u nħeġġiġkom issegwu l-avveniment ta' L-Istrina 2011 din is sena.

L-Istrina 2011 ser tkun fuq xandira diretta mill-istazzjonijiet Maltin bejn nofsinhar u nofsillejl, nhar it-Tnejn, 26 ta' Diċembru.

Dejjem tagħkom,

Kaptan Jonathan Borg F.A.M.
*Ajjutant Militari tal-President*

Tel: (+356) 21221221 / Mob: (+356) 79268066
Email: jonathan-charles.borg@gov.mt

The Malta Community Chest Fund
San Anton Palace • Attard, Malta ATD1290
Tel: +356 21 226 226 • Fax: +356 21 241 241
email: info@l-istrina.org • www.l-istrina.org

Bank of Valletta